MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 291/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**FABIO PSAILA**

**Il-Qorti,**
Rat lil imputat **FABIO PSAILA** ta’ tlieta w hamsin sena imwieled Pieta’ fid-dsatax ta’ Gunju 1974, bin Alfred u Mary nee’ Farrugia u li joqghod Blokk 5, Flat 6, Triq il-Gebel, Bini tal-Gvern, B’Bugia, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 318874M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar l-hdax ta’ Marzu 2002 u matul il-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, kkometta serq ta’ servizz telefoniku, liema serq ghandu valur t’ inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-kumpanija Maltacom plc u persuni ohra u

dan billi ghamel uzu mill-linja tat-*telephone* li ggib in-numru 21497193 registrata f'isem Carmelo Cachia, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

2. Talli fl-istess perjodu bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih kien jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazjoni;

3. Talli fl-istess perjodu, voluntarjament qala, kisser, waqqa, ddistrugga, ghamel hsara jew nehha batterija, makkinarju, fil, gumna, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fili, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan t-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamel xi haga li zzomm jew tfixkel b'xi mod iehor l-mghoddija minn banda ghal ohra ta' messagg;

4. Talli fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn l-Gzejjer, ipprova servizz ta' telekommunikazzjonjiet jew installa jew haddem infrastruttura t'installazzjoni jew apparat ta' telekommunikazzjonijiet minghajr awtorizzazzjoni taħt u skond xi disposizzjoni tal-Att biex Jirregola t-Telekommunikazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni mposta minn jew taħt l-Att biex Jirregola t-Telekommunikazzjoni jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazjoni;

5. Talli wkoll fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn l-Gzejjer, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda jew stalla jew uza xi stallazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-i*standards* teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taħt l-Att biex Jirregola t-Telekommunikazzjoni jew li kien jaf, jew kellu raguni valida ghaliex jobsor li kienu difettuzi jew imkompatibbli mas-servizzi li jkunu nbieghu, gew provduti, stallati jew uzati ghalihom;

6. Talli wkoll fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn l-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kien gie provdut jew naqas li josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

7. Talli fl-istess perjodu m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel d-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taħt disposizzjonjiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

8. Talli fil-perjodu operattiv ta' sentenzi ta' habs, moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati l-ewwel ta' Gunju 1999, l-erbgha ta' Gunju 1999, t-tletin ta' Mejju 2000, ikkommetta reat iehor;

9. Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza datata tnejn ta' Novembru 2000.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom sentenza moghtija mill-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn nhar t-tnejn ta' Novembru 2000 esibita bhala Dok. IA 5 a fol. 34 et seq tal-atti, sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-erbgha ta' Gunju 1999 esibita bhala Dok. IA 6 a fol. 38 et seq tal-atti, sentenza moghtija nhar t-tletin ta' Mejju 2000 mill-allura Magistrat Dottor Carol Peralta fil-konfront tal-imputat esibita bhala Dok. IA 8 a fol. 49 et seq tal-atti, l-*letter to prosecute* mahruga mill-Malta Communications Authority nhar l-ghaxra t'April 2002 esibita bhala Dok. IA 9 a fol 41 tal-atti w il-kunsens ta' l-

Avukat Generali datat sbatax t'April 2002 esibit a fol. 7 tal-atti sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Il-Qorti lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbatax ta' Mejju 2002 (fol. 6).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll il-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sbatax ta' Settembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti kif preseduta tirrileva fl-ewwel lok li din il-kawza kienet marret side die meta kienet ghadha qed tinstemgha mill-allura Magistrat Dottor Carol Peralta nhar s-sebgha t'Ottubru 2002 kif jirrizulta a fol. 71 tal-atti u kien biss permezz ta' rikors ppresentat mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2009 li din l-kawza tkompliet quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Illi nhar l-erbatax ta' Mejju 2002 xehed l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** (fol. 8) fejn qal li nhar l-hdax ta' Marzu 2002, il-pulizija tal-Economic Crimes Unit kienet giet infurmata permezz t'ittra minn Charmaine Galea Triganza mill-Internal Audit Unit tal-Maltacom plc li kien hemm suspett li kien qed isir xi *clip on fraud* (jigifieri li tqaxxar il-*wire*) u kienu qed isiru xi telefonati minn fuq il-linja bin-numru 21497193 li kienet tappartjeni lil certu Carmelo Cachia li hu l-*owner* tal-Auto Technicians Garage sitwat fil-Marsa Bypass, Marsa, liema telefonati kienu qed isiru ghal Italja fost l-ohrajn u li ma kienx qed jghamilhom l-istess *owner*.

Qal li minn stharrig fuq il-post kien irrizulta li dan il-garaxx ghandu rampa ghal fuq l-bejt u li minn din r-rampa kien hemm l-*wires* tat-*telephone* ghaddejjin minn fuq il-bejt. Qal

li r-rampa kellu access ghaliha kulhadd u kien hemm il-wire tat-*telephone* maqtugh w mgannat. Qal li rrizulta wkoll li t-telefonati kienu saru fis-sitta ta' Marzu 2002 u kienu saru disgha w sebghin *pulse* bejn l-hdax neqsin tlettax il-minuta ta' bil-lejl u l-hdax u sitt minuti ta' bil-lejl l-ewwel darba. Qal li kienu saru wkoll mija u dsatax il-*pulse* nhar s-sebgha ta' Marzu 2002 bejn l-ghaxra neqsin minuta u l-ghaxra w nofs u tmien minuti ta' bil-lejl, filwaqt li nhar d-disgha ta' Marzu 2002 kienu saru mitejn sebgha w tmenin *pulse* bejn l-hamsa w nofs neqsin hamra ta' wara nofsinhar w is-sebgha neqsin dsatax il-minuta nhar s-Sibt, ghaxra ta' Marzu 2002 meta l-imsemmi hanut ma jkunx miftuh. Qal li l-Hadd, kienu saru wkoll hamsa w sittin *pulse* bejn l-ghaxra u sittax il-minuta ta' bil-lejl u l-hdax u disgha w tletin minuta.

Zied jghid li flimkien man-nies tal-Maltacom, Charmaine Galea Triganza mill-Internal Audit Unit u Silvio Gatt mill-Fraud and Security Unit, kienet saret operazzjoni bejn il-pulizija u l-Maltacom fejn in-nies tal-Maltacom kienu qaghdu fil-bitha li taghti ghal dan il-garaxx u li minnha kienu jistghu jaraw r-rampa filwaqt li l-pulizija qaghdu ftit kantunieri boghod biex jaraw jekk xi hadd jitla' fuq dak l-post. Qal li ezattament fl-ghaxra u hames minuti, kienu cemplulhom tal-Maltacom u qalulhom li kienu raw karozza tiela din r-rampa u qalulhom sabiex joqghodu fuq il-linja biex jaraw jekk din il-linja kienetx qed tintuza.

Qal li dawn kienu f'kuntatt mal-*exchange* biex jaraw jekk l-linja 21497193 kienetx qed tintuza w infurmawh li dik l-linja kienet qed tintuza sabiex issir telefonata lejn l-Italja fuq numru 00393484143970. Zied jghid li fi ftit hin hu u PC 724 kienu fuq il-post fejn hemm tal-FAM u ipparkjaw b'mod li l-karozza ma tinstax tinzel r-rampa u hemmhekk inqabad certu Fabio Psaila li gharaf presenti fl-awla, li kien qieghed f'karozza Kia Shuma hadra bin-numru ta' registrazzjoni FBK 972, li kien mimdud fil-karozza bit-tieqa ftit imbexxqa u kellu wkoll *telephone* li esibixxa bhala Dok. IA 1.

Qal li l-wire ma kienx qed imiss ma fejn il-*clip on fraud*. Qal li ovvjament kif l-imputat ra d-dawl taghhom, qabad u

kemm litteralment gibdu.  Qal li dan t-*telephone* sabuh fil-karozza dakinhar u kien ikkumnikat ma *telephone plug* u l-bicca tal-*wire* tat-tarf tieghu mgongija li aktarx kienet mqabbda dak l-hin.  Qal li hu kien staqsa lil imputat x'kien qed jaghmel bit-*telephone* fil-karozza u x'kien qed jaghmel hu hemmhekk u dan wiegbu "*ajma, qed tuġghani zaqqi…*" u ma wegbux ghad-domandi li ghamillu u qallu "*… ghaliex qlajtu lil mara, qlajtu mid-dar…*"  Qal li l-imputat kien wkoll arroganti maghhom w irrezista hafna wkoll tant li f'hin minnhom daqqlu l-*mobile*, qallu li kien arrestat u li ma setghax jirrispondih pero qal li ried jirrispndih u remih.  Qal li l-ghada kienu marru jfittxu l-istess *mobile* tal-ghamla 'Panasonic' u sabuh fuq bejt ta' garaxx ftit boghod.  Ix-xhud esibixxa l-istess *mobile* bhala Dok. IA 2.  Qal li l-imputat deher imhawwad u qisu ftit stordut, pero ma kienx cert jekk kienx qed jilghaba li kien hekk pero peress li kien aggressiv, hu kien cempel lil tal-Mobile Unit u dawn kienu marru fuq il-post flimkien ma xi membri tal-forensika sabiex jiehdu xi ritratti tal-affarijiet li kienu nstabu.

Qal li sussegwentement l-imputat gie arrestat u mehud l-*lockup*.  Qal li l-ghada, meta nstab l-*mobile*, l-imputat gie mitkellem fejn l-istess wara li gie moghti s-solita twissija, sarulu xi domandi fil-prezenza ta' PS 494 Gordon Borg u giet rilaxxjata l-istqarrija Dok. IA 3(fol. 15 et seq). Ix-xhud ikkonferma il-firma tieghu, dik ta' PS 494 Gordon Borg, filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jwegibx id-domandi li sarulu u ma ffirmax l-istess stqarrija.   Ix-xhud esibixxa wkoll l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. IA 4, erbgha sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. IA 5 sa IA 8, l-*letter to prosecute* minn naha tal-Malta Communications Authority datata ghaxra t'April 2002 bhala Dok. IA 9, sett ta' ritratti mehuda minn PS 612 Theo Vella bhala Dok. IA 10 u *sketch* li ghamel hu stess tal-lok fejn instabet il-vettura li fiha kien hemm l-imputat bhala Dok. IA 11.

Ix-xhud zied jghid li l-karozza li biha kien instab l-imputat, kienet tappartjeni lil Koki Garage tal-Imsida, kienet wahda tal-kiri u kienet inghatat lura lil sidha.  Qal li meta sid t-*telephone*, Carmelo Cachia kien kellmu, dan kien qallu li qatt ma kien ghamel dawk t-telefonati ghal barra u li lil

imputat qatt ma kien rah l-garaxx li jintuza ghal VRT *testing*, bhala klijent tieghu.

Illi nhar l-erbatax ta’ Mejju 2002 xehed l-**Ispettur Silvio Valletta** (fol. 47) fejn meta gie muri s-sentenza moghtija mill-allura Magistrat Dottor Carol Peralta fil-konfront tal-imputat w ohrajn, datata tletin ta’ Mejju 2000 immarkata Dok. IA 8, ikkonferma li l-imputat hemm imsemmi f’din is-sentenza huwa l-istess imputat presenti fl-awla u dan peress li kien wiehed mill-Ufficcjali Prosekuturi f’dik is-sentenza.

Illi nhar l-erbatax ta’ Mejju 2002 xehed **Salvino Gatt** (fol. 53) fejn qal li hu jahdem bhala inginier mal-Maltacom. Qal li f’dan il-kaz kienu marru jaghmlu spezzjoni tal-linja ta’ *wire* ta’ *subscriber* u dan peress li kien lmenta li kellu xi kontijiet gholjin. Qal li meta marru fuq il-post dan urihom minn fejn kienet ghaddejja l-linja u cioe minn fuq il-bejt w ghalhekk telghu hemm u sabu li kien hemm l-*wire* imqaxxar li ndika li kien hemm xi tbaghbis minn dik l-linja. Qal li hu kien staqsa lis-*subscriber* jekk kienx ghamel xi telefonati ghal barra dawk l-ahhar granet u rrispondih li ma kienx. Qal li minn dak li ra kien ovvju li xi hadd kien qaxxar il-*wire* biex ikun jista jkollu access ghal linja w icempel. Qal li huma ghalhekk tkellmu mal-pulizija w ghaddew il-kaz lilhom. Ix-xhud ippresenta bhala Dok. IA 12, kont li hareg hu tat-telefonati li saru. Qal li meta l-abbonat qallu li dawk t-telefonati ma kienx ghamilhom hu ghax ma kienx hemmhekk, issahhet t-tezi li xi hadd kien qed jghamilhom ad insaputa tieghu w ghalhekk ghamel dik l-linja taħt osservazjoni sabiex isir maghruf min kien qed jaghmel dawk t-telefonati. Qal li hu ftiehem mal-pulizija fuq dan u waqt li kien f’kuntatt mal-*exchange*, kif bdew isiru t-telefonati meta l-abbonat ma kienx hemmhekk, hu taha struzzjonijiet lil pulizija biex jintervjenu. Qal li t-telefonata li huma ntercettaw kienet dik lejn l-Italja fuq in-numru 00393484143970. Qal li dan in-numru kwazi jidher l-hin kollu jidher mis-sitta ta’ Marzu 2002 ‘l quddiem.

Illi nhar l-erbatax ta’ Mejju 2002 xehed **Carmelo Cachia** (fol. 60) fejn qal li hu ghandu l-garaxx tal-VRT f’Mansions

House, Hamrun Bypass, Hamrun. Qal li hu kien ilmenta ma tat-*telephones* li l-kont kien qed jigih gholi u li ma riedx ihallsu. Qal li darba minnhom kien ircieva kont ta' mija u tnejn u hamsin lira u ma ridtx ihallsu w ghalhekk qatghulu l-linja ghal jumejn. Qal li dawn it-telefonati kienu qed isiru minn fuq l-linja numru 21497193. Zied jghid li ftit wara kien ircieva telefonata minghand tat-telephone li ried ikellmu u meta mar staqsih fi x'hin kien jiftah u jaghlaq u jekk ghamilx xi telefonati ghal barra l-Hadd u hu kien qallu li l-Hadd hu ma jiftahx. Qal li kien irrizulta li tat-*telephones* kien mar t-Tnejn w il-Hadd kienu saru xi telefonati u hu dakinhar kien imsiefer l-Italja. Qal li hu kien accertah li ma kien hemm hadd fil-garaxx ghaliex il-Hadd ikun maghluq.

Qal li kien irrizulta li t-Tnejn kienu qabdu lil xi hadd jaghmel telefonati minn fuq il-*wire* tieghu minn fuq il-bejt billi qaxxar il-*wire* biex setgha jsiru dawn t-telefonati. Qal li fost il-gimgha hu jiftah mis-sebgha w nofs ta' filghodu sas-sebgha ta' filghaxija w is-Sibt mis-sebgha ta' filghodu sas-siegha ta' wara nofsinhar filwaqt li l-Hadd ma jiftahx. Qal li access ghan-numru 21497193 apparti l-garaxx m'ghandux u l-Italja qatt ma cempel. Mistoqsi in-numru 00393484143970 lil min jghajjat, ix-xhud wiegeb li ma jafx. Qal li n-numru tal-mobile hawn Malta 99867205 ma jafx lil min jghajjat lanqas. Qal li *telephone number* fuq l-*mobile number* 79414405 ma jafux lanqas filwaqt li in-numru tat-telefon taljan 00393477909866 ma jafux wkoll.

Qal li l-unika *call* li jaf li hu ghamel *overseas* billi hu ghandu l-magna Germaniza tal-VRT li kellha xi hsarat fiha, u dak ix-xahar jahseb li kien ghamel zewg *calls overseas* l-Germanja.

Illi nhar l-erbatax ta' Mejju 2002 xehdet **Charmaine Galea Triganza** (fol. 64) fejn qalet li tahdem bhala Senior Technician mal-Malcom. Qalet li rigward l-kaz in dezamina, tiftakar li kien cemplilha l-Inginier Salvu Gatt u qalilha biex imorru jaghmel spezzjoni fuq il-post tal-linja ghaliex kien hemm xi *calls* li kien rahom strambi w ghalhekk marru fuq il-post fejn sabu minn fejn kienet hierga l-linja. Qalet li dan kien jum t-Tnejn hdax tax-xahar filghodu ghal habta tad-disgha. Qalet li fuq il-post rat li

kien hemm hierga l-linja, il-kaxxa DP box minn fejn kienet hierga l-linja w imxew mal-linja u f'dak il-post partikolari kwazi fuq il-garaxx tal-abbonat sabu l-*wire* imqaxxar fuq il-bejt li normalment ma jkunx hekk suppost. Qalet li huma ghalhekk iddecidew li jaghmlu dik l-linja partikolari fuq *charging check* jigifieri malli xi hadd jibda jcempel minn din il-linja, jkunu jafu. Darba minnhom filghaxija wara li talbu l-assistenza tal-pulizija, kienu cemplulhom mill-*exchange* u qalulhom li minn hemm kienu qed isiru xi *calls* u minn naha taghhom infurmaw lil Ispettur Ian Abdilla.

Qalet li l-operazzjoni mill-pulizija saret fil-hdax ta' Marzu 2002. Murija *breakdown* ta' *calls* li nizlu mill-*exchange*, qalet li dik tal-ghaxra w ghaxra hi *l call* li bdiet filghaxija x'hin cempulhom mill-*exhange* u qalulhom min dik l-linja partikolari u cioe 497193 u kienet qed icempel ghal 39 l-Italja.

Illi nhar s-sbatax ta' Settembru 2009 **regghet xehdet Charmaine Galea Triganza** (fol. 81) fejn ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta Go plc, mistoqsija jekk l-imputat ghamilx xi hlas lill-Go wiegbet fl-affermattiv w ikkonfermat li fil-fatt ghamel fl-ammont ta' 75.33 Euro u dan nhar il-hmistax ta' Settembru 2009. Qalet li llum il-gurnata fil-fatt l-imputat m'ghandux pendenzi mas-socjeta Go plc u esibiet kopja tar-ricevuta li giet immarkata bhala Dok. 'Z'.

Illi nhar l-erbatax ta' Mejju 2002 xehed **PS 494 Gordon Borg** (fol. 67) fejn qal li li fil-hdax ta' Marzu 2002, hu, flimkien mal-Ispettur u PC 724 kienu marru fuq il-kaz jinvestigaw kaz ta' *telephone tapping* w ghal habta tal-ghaxra ta' filghaxija, kienu mifthemin ma rapprezentanti tal-Maltacom biex jghamlu *surveillance* biex jaraw jekk din l-linja tintuzax. Qal li gara kien li tal-Maltacom kienu f'post vicin l-*wire* li jigu tal-Auto Techniques fil-Hamrun Bypass, Marsa fejn hemm telgha kbira u huma kienu fil-gemb hemmhekk.

Qal li l-ftehim kien li x'hin huma jkollhom informazzjoni li din il-linja qed tintuza, huma kellhom icemplu lilhom u huma jmorru biex jintervjenu lis-suspettat li kien l-imputat presenti fl-awla. Qal li meta waslu fuq il-post hemm sabu karozza Kia Shuma bin-numru ta' registrazzjoni FBK 972

li fiha kien hemm l-imputat u minn fuqu elevaw telephone set li kien hemm bil-wire imqaxxar. Qal li kien hemm wire ghaddej minn fuq ic-cint li kien ukoll imqaxxar u l-imputat gie arrestat fuq il-post. Qal li huma tkellmu mal-imputat li beda jilmenta minn uġigħ ta' zaqq u affarijiet ohra u spjegawlu d-drittijiet tieghu. Qal li l-imputat beda jinjora l-ordnijiet, jiccaqlaq il-hin kollu, u jghid li ma jiflahx. Qal li waqt dan kollu, cempel l-mobile tal-imputat u huma qalulu sabiex jitfih u ma juzahx u gie b'daqsxejn ta' hassle u spicca waddab il-mobile 'l barra. Qal li dak l-hin kien d-dlam u l-ghada filghodu instab il-mobile minnhom fuq bejt ta' premises adjacenti mill-pulizija. Qal li sussegwentement marru fuq il-post tal-Mobile Squad u hadu lil imputat l-ewwel l-poliklinika tal-Floriana u wara d-depot.

Ix-xhud, meta gie muri t-telephone set esibit ikkonferma li kien l-istess wiehed li elevaw minghand l-imputat. Ix-xhud zied jghid li hu kien presenti waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputat wara li gie moghti s-solita twissija w ikkonferma kemm il-firma tieghu kif wkoll tal-istess fuqha filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jwegibx u ma jiffirmax.

Semghet lid-difiza tiddikjara fis-seduta tat-tlettax ta' Mejju 2009 li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq Ufficcjali tal-Pulizija sabiex jikkkonfermaw s-sentenzi esibiti fl-atti moghtija fil-konfront tal-imputat odjern u dan ghaliex f'kaz ta' htija, taqbel li l-imputat huwa hati ta' recidiva.

Semghet wkoll lid-difiza tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq provi mill-gdid peress li din il-kawza kienet qed tinstemgha minn Qorti ohra diversament preseduta.

Illi l-imputat ma xehdx f'dawn il-proceduri pero ghazel li jressaq xhieda ghad-difiza tieghu.

Illi nhar t-tletin ta' Gunju 2009 xehed **Father Mark Enriquez** (fol. 76) fejn qal li lill-familja tal-imputat Fabio Psaila jafha peress li hu ilu jiehu hsieb il-komunita tal-Hamrun ghal dawn l-ahhar hmistax il-sena. Qal li omm l-

imputat hija persuna marradija u li ma tantx tista’ tohrog. Qal li ħut l-imputat wkoll kienu jiffrekwentaw ic-centru li kellu fil-Hamrun u sahansitra zmien ilu, l-imputat Fabio Psaila kien wkoll abbati mieghu. Qal li llum il-gurnata Fabio qed jghix m’ommu peress li hi tinsab indisposta u ma tantx tiflah u miz-zmien tal-kaz ‘l hawn l-imputat rabba hafna ghaqal peress li llum ghandu kuntatt personali mieghu u jaf li Fabio gieli jmur ikellmu wkoll personalment. Zied jghid li ħut l-imputat wkoll huma tfal tajbin u sahansitra wkoll kienu fil-kor tieghu hemmhekk.

Illi nhar t-tletin ta’ Gunju 2009 **xehed PC 1092 Noel Psaila** (fol.78) fejn qal li l-imputat Fabio Psaila huwa ħuħ. Ikkonferma li fil-prezent l-imputat qed jghix ma ommu li fil-fatt tinsab ghaddejja minn perjodu ta’ mard u qed jiehu hsiebha l-imputat.

Illi nhar s-sbatax ta’ Settembru 2009 **xehdet Mary Psaila** (fol. 84) fejn qalet li hi tigi omm l-imputat prezenti fl-awla w ghazlet li tixhed. Qalet li hi ghamlet zmien tghix wahedha izda llum il-gurnata binha l-imputat Fabio Psaila w ibnu jghixu maghha. Qalet li hi kienet ma tiflahx u kellha attakk tal-qalb. Hi esibiet d-dokumentazzjoni ghal dawn il-fini li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. ‘X’.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-imputat kien qed jaghmel uzu llegittimu minn telefon waqt li kien fuq il-bejt tal-garaxx ta’ ‘Auto Tecniques’ li jinsab fil-By Pass tal-Hamrun u dan fil-lejl bejn il-hdax w it-tnax ta’ Marzu 2002 u dan billi kien qed jaghmel telefonati ghal barra liema telefonati ma kienux qed jigu registrati u b’hekk l-istess Korporazzjoni sofriet danni konsistenti f’serq tas-servizz taghha.

Illi l-imputat ma xehdx f’dawn il-proceduri u l-istqarrija li rrilaxxja, kif effettivament kellu kull dritt jaghmel, hija wahda li tikkontjeni cahda ta’ risposti ghad-domandi mposti lilu mill-ufficcjali investigattivi liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 15 et seq.

Illi l-pulizija qalet li kienet ilha tinvestiga l-ilmenti ta’ sid il-garaxx li qal li kien hemm numru ta’ telefonati ghall-Italja fuq il-kont tieghu u hu ma kienx jaf bihom. L-Ispettur jghid li dakinhar ta’ bejn il-lejl tal-hdax w it-tnax ta’ Marzu 2002 huwa mar f’dan il-post u sab lill-imputat gewwa karozza bit-*telephone* f’idejh pero il-*wires* kienu kollha imqaccta. Dak il-hin allegatament meta il-pulizija staqsietu x’kien qed jaghmel hemmhekk l-imputat wiegeb li kien ghajjien u ried jistrieh, izda meta imbaghad staqsietu x’kien qed jaghmel bit-*telephone* f’idejh, ma kienx kapaci jaghti risposta wahda – infixel.

Illi ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ dawn l-akkuzi.

Dwar il-piena:-

Il-Qorti minn naha wahda rat il-fedina penali reflettarja tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu kondotta mimlija *convictions* b’xejn inqas minn tnejn u ghoxrin, li jirrigwardaw akkuzi ta’ serq, frodi, harba minn post ta’ kustodja, offizi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, diversi kontravenzjonijiet u feriti ta’ natura hafifa fuq terzi persuni, fejn inghata piena ta’ multi, *conditional discharges*, *probation orders* u sentenzi sospizi u dan bejn is-snin 1991 u 2002.

Illi ghalhekk, kieku l-Qorti qaghdet biss u striehet biss fuq dan il-fattur, zgur li kien il-kaz li l-imputat jintbaghat il-habs, pero l-Qorti sejra tikkunsidra fatturi ohra meta tigi biex tapplika l-piena.

Jigi rilevat li ghalkemm ir-reati li bihom l-akkuzat huwa akkuzat sehhew f’Marzu tas-sena 2002 u tressaq il-Qorti f’April tas-sena 2002.

Jirrizulta li nhar l-ghaxra t’Ottubru 2002 dan il-kaz kien gie diferit sine die peress li l-imputat kien ghaddej proceduri l-Italja u kien biss wara rikors maghmul mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-erbgha w ghoxrin t’April 2009 li sussegwentement dan il-kaz gie riappuntat u kien f’Mejju

ta’ din is-sena 2009 li l-prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhiex aktar xhieda xi tressaq.

Bhala difiza l-imputat ressaq diversi provi sabiex jipperswadi lil Qorti li llum il-gurnata huwa biddel hajtu u jinsab fit-triq it-tajba.

Ressaq lil Reverendu Fr. Mark Enriquez jixhed u jghid li l-imputat kien abatti mieghu u li ħutu kienu fil-kors tal-knisja tal-Hamrun. Qal li huwa ghandu kuntatt regolari mieghu u li llum il-gurnata l-imputat biddel hajtu, jghix ma ibnu w ommu u fil-fatt anke jiehu hsieb ommu, li hija mara anzjana u marida skond id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ressaq ukoll lil ħuħ PC 1092 Noel Psaila jixhed u jikkonferma li huwa qed ighix id-dar u jiehu hsieb ommu.

Ressaq wkoll lil Charmaine Triganza tixhed u tghid li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni u li llum il-gurnata din l-istess Korporazzjoni m’ghandha l-ebda pretenzjoni kontra l-imputat.

Issa, huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn sittax il-faccata.

L-imputat illum ghandu hamsa u tletin sena, u f’dawn l-hamsa u tletin sena kellu xejn anqas minn erbgha w ghoxrin kundanna mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin disghin u fil-bidu tas-seklu l-gdid, meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 7 kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446; il-bqija tal-kundanni pero` jinvolvu multi u sentenzi ta’ prigunerija sospizi.

Il-Qorti pero thoss li l-hajja hija “riversibbli” – u fil-fehma tal-Qorti, hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni t’irriversibilita` assoluta – anqas ma tista’ din il-Qorti tikkondividi mal-fehma spissa tal-Avukat Generali li Ordni ta’ *Probation* hu indikat biss ghal *first offenders* zghazagh.

Anke fil-kaz ta' persuna t'eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija kif fisser il-Prim Imhallef fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali*** fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Farrugia** deciza nhar s-sittax ta' Jannar 2001.

Kif jispjega **David Thomas** fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):-

*"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote."* (pp. 22, 23).

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu tal-Ordni ta' *Probation*:-

*"The probation order is clearly the most important individualised measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character."* (p. 236).

Wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza tat-tletin ta' Gunju 2009 u tas-sbatax ta' Settembru, 2009, lix-xhieda tad-difiza b'mod partikolari r-Reverendu Fr. Mark Enriquez, hija tal-fehma li hemm xaqq ta' dawl fis-sens ta' possibilita` li l-imputat biddel hajtu. Din il-Qorti, hi preparata li tiehu r-riskju li tqieghed lill-imputat taht is-supervizjoni t'ufficjal tal-*probation*; l-imputat s'intendi, qed jigi mwissi li jekk huwa jikser il-kundizzjonijiet tal-Ordni jew

jikkometti reat, ikun xi jkun, fil-periodu tal-*probation*, m'ghandux jippretendi li jsib hajt ta' kenn quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261, 298A, 326, 338(ee) tal-Kap 9 u l-artikoli 39(1)(a)(b)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat FABIO PSAILA hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tpoggih taħt Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta taħt is-segwenti kundizzjonijiet.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat kandidat idejali sabiex jiehu hsieb l-bzonnijiet tal-imputat u bit-tama li jzommu fit-triq it-tajba w il-boghod mill-hajja tal-kriminalita.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**FABIO PSAILA**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, ……………………………. 2009**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **FABIO PSAILA** ta' tlieta w hamsin sena imwieled Pieta' fid-dsatax ta' Gunju 1974, bin Alfred u Mary nee' Farrugia u li joqghod Blokk 5, Flat 6, Triq il-Gebel, Bini tal-Gvern, B'Bugia, detentur tal-karta ta' l-identita numru 318874M **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz

kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha (4) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

**……………………………………………………………**
**Firma persuna mputata.     Numru tal-karta tal-identita**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------